MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 276/2009

Kawza fil-lista: 57

***N Q***
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, *P V* u**
**l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-minuri *B Q***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet, ghalkemm kienu mizzewwgin, kienu ‘l boghod minn xulxin ghal kwazi d-durata kollha taz-zwieg peress li hu kien assenti minn Malta fuq xoghol; li sussegwentement dan iz-zwieg kien gie dikjarat null; li fil-mori tal-proceduri ta’ l-annullament il-konvenuta *P V* kellha relazzjoni ma’ ragel iehor, u minn din ir-relazzjoni

twieled it-tifel *B Q* fit-28 ta’ Settembru 2007; li fuq l-att tat-twelid relattivi, numru 3205/2007, dan it-tifel gie registrat bhala bin-l attur; li l-attur mhuwiex il-missier naturali ta’ dan it-tifel; ghalhekk qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni f’ dan is-sens, u d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid fis-sens li t-tifel jigi mnizzel bhala wild ta’ ‘missier mhux maghruf’; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tat-Registru Pubbliku, wara li ssolleva eccezzjoni dilatorja ta’ natura procedurali bazata fuq l-artikolu 73 tal-Kap.16, irrefera ghall-artikoli 70[1] u l-proviso ta’ l-artikolu 73 dwar il-kunjom tat-tifel, kif ukoll oggezzjona li jigi assoggettat ghal xi spejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta *P V* li biha, wara li ddikjarat li hi taqbel ma’ dak premess u mitlub mill-attur, iddikjarat li Tonio Schembri ghandu jigi ndikat bhala l-missier naturali tat-tifel;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-analista Paul Sultana, u l-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha nkluzi l-affidavits tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li t-tifel *B Q* li twieled mill-konvenuta *P V* fit-28 ta’ Settembru 2007 mhuwiex il-wild tieghu, u li tordna l-korrezzjoni debita fl-imsemmi att tat-twelid.

Illi mill-provi rrizulta provat li, peress li l-attur jahdem barra minn Malta bhala truck driver, huwa kien ghamel perijodi twal matul iz-zwieg, ‘il boghod minn martu, il-konvenuta *P V*. Matul il-proceduri ta’ l-annullament taz-zwieg, din il-konvenuta dahlet f’ relazzjoni ma’ ragel iehor, u minn din

ir-relazzjoni weldet tifel, bl-isem ta' *B*, fit-28 ta' Settembru 2007, liema wild pero' gie registrat bhala l-wild ta' l-attur, mentri l-imsemmija konvenuta ssostni li l-wild huwa ta' certu Tonio Schembri li mieghu kellha r-relazzjoni.

Illi dan il-wild ma jistghax ikun il-wild naturali ta' l-attur peress li r-relazzjonijiet intimi bejnu u bejn il-konvenuta martu kien ilhom li waqqfu. Inoltre r-rapport xjentifiku tat-test tad-DNA jikkonferma li l-attur mhuwiex il-missier naturali.

Illi l-attur jispjega li huwa ma kienx jaf li l-konvenuta kellha tarbija, u sar jaf biss f' nofs is-sena 2009 meta martu kienet talbitu l-firma ghall-passaport tat-tifel. Huwa mar ghand l-Avukat tieghu, u fit-2 ta' Settembru 2009 fetah il-proceduri odjerni. Ghalhekk l-eccezzjoni tad-Direttur in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 73 hija fattwalment u legalment infondata.

Illi rigward it-tezi tal-konvenuta fis-sens li t-tifel huwa l-wild naturali ta' Tonio Schembri, li allura ghandhu jitnizzel fl-att tat-twelid bhala l-missier naturali, il-Qorti tosserva li: [1] dan il-persuna mhuwiex parti fil-kawza; u [2] t-testijiet xjentifici kienu ristretti ghar-relazzjoni bejn it-tifel u l-attur biss. F' dawn ic-cirkostanzi t-talba tal-konvenuta *P V* dwar l-inserzjoni ta' Tonio Schembri fl-att tat-twelid tat-tifel ma tistax tintlaqa'.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett ta' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici; u, filwaqt li tiddikjara li t-tifel *B Q* li twieled mill-konvenuta *P V* fit-28 ta' Settembru 2007 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur, tordna l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 3205/07 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta *P V*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------